# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 317/2016 SM**

***Grand Harbour Marina p.l.c.***
**(C – 26891)**

**vs.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-19 t'April, 2016 li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf disa` mija u tnejn u hamsin Ewro u sitta

u ghoxrin centezmu, (€26,952.26), (ara foll 5 sa 56), oltre imghaxijiet legali, rapprezentanti bilanc dovut ghal hlas t'irmigg tal-lanca bl-isem ta' "Toyo" fil-*marina* operata mis-socjeta` rikorrenti fil-Birgu;

1.2. Illi d-dejn *de quo* hu wiehed cert, likwidu u dovut, u ghal liema s-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'tipproduci;

1.3. Illi nonostante li interpellat diversi drabi biex ihallas l-istess ammont minnu dovut l-intimat baqa` inadempjenti, (ara foll 57 sa 77);

1.4. Illi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-procedura odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smigh *stante* li l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jipproduci fir-rigward tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex din:

1.5.1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), oltre l-imghaxijiet legali dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat in-nota tal-intimat datata l-10 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha sintetikament gab is-segwenti a konjizzjoni tal-qorti:

2.1. Illi jopponi ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghas-smigh fit-termini tal-artiklu 167 fuq citat *stante* li ghandu eccezzjonijiet validi fir-rigward;

2.2. Illi mhux is-sid tal-lanca in dizamina;

2.3. Illi hu l-ammont t' €4,802.00 biss li hu dovut ghall-irmigg;

2.4. Illi d-differenza rimanenti mill-ammont mitlub mhix dovuta;

2.5. Illi r-rata *per diem* mitluba mis-socjeta` rikorrenti hi ezagerata u hi imposta abuzivament;

2.6. Illi kien imcahhad milli jnehhi l-lanca mill-irmigg biex jimminimizza d-danni;

2.7. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi ekwivalenti ghall-kumpens ghall-uzu, liema kumpens ghandu jigi likwidat mill-qorti;

2.8. Illi s-socjeta` rikorrenti dahlet fil-lanca *de quo*, kkagunat diversi hsarat fiha u cahdet lill-intimat mill-uzu u t-tgawdija taghha;

2.9. Illi ghalhekk hi s-socjeta` rikorrenti li hi debitrici tal-intimat;

2.10. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata t-12 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha rriduciet l-ammont minnha pretiz originarjament ghal sbatax il-elf Ewro, (€17,000.00), (ara foll 85);

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat datat it-12 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu informa lill-qorti li in vista tar-riduzzjoni indikata fil-paragrafu precedenti, kien debitament awtorizzat mill-intimat prezenti fl-awla biex f'ismu jammetti t-talbiet indirizzati mis-socjeta` rikorrenti fil-konfront tieghu, (ara foll 86);

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu precedenti, din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddikjara li l-intimat hu ghalhekk debitur tas-socjeta\` rikorrenti fl-ammont ta' sbatax il-elf Ewro, (€17,000.00);

5.2. Tikkundanna lill-istess intimat biex ihallas lis-socjeta\` rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, oltre l-imghaxijiet minnhu dovuti mid-data tal-fatturi;

5.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta\` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**